# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Mejju, 2022**

Avviz tat-Talba numru: **22/2022**

**BURMARRAD COMMERCIALS LIMITED**
[REG. NRU. C-13537]

***VERSUS***

**PETER SAID**
[K.I.NRU. 0015674G]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-18 ta' Jannar, 2022 mill-attrici li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta' elfejn, tlett mija, tlieta u sittin ewro u erbgha u tletin centezmi (€2,363.34c) rapprezentanti prezz marbut ma' kirjiet ta' ingenji mill-attrici lill-konvenut fuq inkarigu tieghu, hekk kif ahjar deskritt fl-istess Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni u kif ukoll l-imghaxxijiet legali.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Fl-udjenza quddiem dan it-Tribunal ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Mejju, 2022, id-difensur ta' l-attrici gharraf lit-Tribunal illi, "*is-sorte domandat f'dan il-procediment gie saldat fil-mori u jifdal allura l-aspett tal-ispejjez gudizzjarji marbuta mal-prezenti kawza*" (ara verbal

*a foll*. 14–15). Dakinhar il-procediment gie aggornat ghal data ohra sabiex dan l-aspett tal-vertenza jilhaq jigi tranzatt bonarjament bejn il-kontendenti.

Madanakollu, fl-udjenza successiva, dik ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju, 2022, l-istess difensur ta' l-attrici informa lit-Tribunal hekk: "*Dr. Keith Borg jgharraf lit-Tribunal illi nonostante li l-parti konvenuta issaldat is-sorte ta' EUR2,363.34, u dan kif diga' deskritt fil-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Mejju, 2022, l-istess parti konvenuta baqghet ma hallsitx l-ispejjez gudizzjarji marbuta mal-prezenti kawza, u dan nonostanti t-talba f'dan ir-rigward da parti tal-parti attrici. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas, Dr. Keith Borg, ghall-Attrici, jitlob illi tinghata sentenza solament dwar il-kap tal-ispejjez marbut mal-prezenti vertenza, u dan in vista illi s-sorte diga' gie ammess u mhallas mill-Konvenut*."

It-Tribunal ezamina l-provi dokumentarji mressqa u ra l-atti kollha tal-proceduri;

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Is-sitwazzjoni prezentata fil-prezenti vertenza hija li l-konvenut – ghalkemm debitament notifikat – ghazel li ma jikkontestax il-kawza b'mod formali u ritwali kif previst taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ligi Sussidjarja 380.01 u ghaldaqstant waqa' fi stat ta' kontumacja hekk kif puntwalizzat fl-udjenza tad-9 ta' Mejju, 2022.

Bil-fatt li l-konvenut – skond dak dikjarat mid-difensur ta' l-attrici fl-udjenzi quddiem dan it-Tribunal[1] – issalda l-ammont ta' elfejn, tlett mija, tlieta u sittin ewro u erbgha u tletin

---

[1] "*Admissions made by agreement between the parties or made by counsel to the court are equally binding, since civil litigants are normally free to choose the issues which they wish to raise before the court*." (*cfr*. **J. D. HEYDON**, "Cross on Evidence", 8th Australian edition 2010; §3165, p. 216). Fil-gurisprudenza domestika jinsab rikonoxxut illi dikjarazzjonijiet mwettqa mill-konsulent legali ta' parti assistita jorbtu lill-istess parti. Jigi mfakkar illi l-avukat patrocinanti parti f'litigju hu parifikat ma' mandatarju specjali ta' dik l-istess parti tant illi l-attività processwali tieghu waqt procediment jorbot lill-assistit tieghu. Fis-sentenza **Salome Chetcuti v. Jonathan Satariano** (Appell Inferjuri, 12 ta' Frar, 2010) inghad hekk: "*… lanqas ma kienet ta' xi rilevanza s-sottomissjoni dikjarata tal-konvenut illi ghaliex in-Nota konguntiva li tat lok ghad-digriet tal-20 ta' Novembru 2007 giet iffirmata mill-Avukat tieghu l-istess digriet kien invalidu u irregolari. Apparti li din il-Qorti ma taccettax il-proposizzjoni illi dak li ghamlet f'dik in-Nota l-Avukat ta' l-appellat ghamlitu "bi svista", hu wisq pacifiku illi l-Avukat ghandu jitqies li hu l-mandatarju tal-klijent tieghu ghall-attijiet tal-proceduri u fejn ikollu mandat espress u specjali, kif il-Qorti tqis wisq probabbli li hu l-kaz anke hawnhekk, jista' anke jiftiehem u jintrabat ghall-patrocinat tieghu*." Fis-sentenza *in re* **Carmelo Farrugia v. Grezzju Farrugia et** (Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2005) inghad li, "*Huwa pacifiku illi l-avukat huwa, fis-sens ta' l-Artikolu 1862, Kodici Civili, mandatarju tal-klijent tieghu b'mandat specjali ghall-finijiet tal-kawza. Ara Vol. X pagna 301 u Vol. XIX P I p 129*." Tant dan huwa hekk illi kien hemm sitwazzjonijiet quddiem il-qrati taghna fejn zball procedurali tad-difensur legali kien influwixxa negattivament, u direttament, fuq l-interessi tal-klijent patrocinat. B'ezemplari ssir referenza ghad-decizjoni *in re* **Teresa Zammit pro et noe v. Ganni Zammit pro et noe** (Prim'Awla, 10 ta' Ottubru, 1950) fejn gie asserit illi, "*ghal dak li jirrigwrada kwistjonijiet legali u procedurali, kwalunkwe haga li l-avukat jaghmel, anki b'konjizzjoni jew impressjoni erronea, hu responsabbli ghaliha l-klijent tieghu*." Inoltre, fis-sentenza *in re* **Mary Sutch v. Felice Cini** (Prim'Awla, 8 ta' Frar, 1939) inghad hekk: "*Fid-dottrina, tant Franciza kemm Taljana, gie ritenut illi l-mandant quddiem it-terzi huwa responsabbli anki tal-fatt kolpuz tal-mandatarju. Tant jidher mill-insenjamenti tal-Laurent kemm ukoll minn dawk ta' Ricci. Il-Laurent jghid illi jista' jidher stramb illi l-mandant ghandu jkun responsabbli ghall-ommissjoni tal-mandatarju, ghaliex il-mandant ma tax certament il-poter lill-mandatarju li jonqos minn xi dover tieghu, u ghaliex in-nuqqas tal-mandatarju jikkostitwixxi ezorbitazzjoni mill-limiti tal-*

centezmi (€2,363.34c), li jirraprezenta s-sorte mitlub minnha mill-konvenut, l-istess gie illi implicitament ikkonfessa li hu kien debitur ta' l-attrici. Kif asserit fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, "*Kull ħlas jissoponi dejn*" u, allura, tali pagament ta' €2,363.34c imwettaq mill-konvenut huwa, intrinsikament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hu kellu maghha *qua* kreditrici.

Bhala konsegwenza, tali ammissjoni implicita taghti lok li l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri ikunu attribwiti lill-konvenut. Fi kliem iehor, bil-hlas imwettaq mill-konvenut tad-dejn originali, hu attira lejh l-obbligu accessorju li jindennizza wkoll kwalsiasi spejjez li dahlet fihom l-attrici kreditrici tieghu ghall-irkupru ta' lammont originarjament dovut.

L-attrici qatt ma rrizervat l-jeddijiet taghha dwar l-imghaxijiet legali mitluba fl-att promotur hekk kif wettqet fil-konfront ta' l-ispejjez gudizzjarji fejn espressament esprimiet id-dritt ghall-indenniz relattiv. Ghat-Tribunal, dan ifisser li l-istess attrici ma kinitx qed tibqa' tishaq fuq ir-reklam ta' tali interessi. Li kieku kien altrimenti, certament dan il-fatt kien ikun registrat u/jew puntwalizzat f'xi verbal waqt l-udjenzi tad-9 ta' Mejju, 2022 u/jew dik tat-23 ta' Mejju, 2022.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal m'ghandux triq ohra ghajr li jilqa' t-talba attrici kif imfisser *supra*, ossia limitatament ghal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez tal-prezenti proceduri.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, ghall-motivi fuq imfissra u konsistentement maghhom, filwaqt li jastjeni milli jippronunzja ruhu dwar is-sorte fl-ammont ta' elfejn, tlett mija, tlieta u sittin ewro u erbgha u tletin centezmi (€2,363.34c), peress li dan l-ammont gie saldat mill-konvenut fil-mori tal-proceduri odjerni kif deskritt f'din id-decizjoni, jikkundanna lill-istess konvenut ihallas u jindennizza lill-attrici l-ispejjez gudizzjarji kollha marbuta ma' dawn il-proceduri.

***ft.* Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft.* Adrian Pace**
*Deputat Registratur*

---

*mandat. Imma dak l-awtur jispjega illi meta hemm fin-nofs l-interess tat-terz, allura jekk saret ommissjoni mill-parti tal-mandatarju, ma ghandux jigi danneggjat it-terz, imma l-mandant, li ta l-fiducja tieghu lill-mandatarju. Hekk f'dana il-kaz, jekk l-ommissjoni tad-difensur tat lok ghall-kontumacja allura t-terz (fil-kaz l-attrici) ma ghandux jsofri hsara fis-sens li jitlef il-vantaggi talvolta derivanti mill-kontumacja tal-konvenut billi jinghad illi l-ommissjoni tal-mandatarju ma ghandhiex tkun ta' dannu lill-mandant.......Illi per konsegwenza l-ommissjoni ta' l-avukat Dottor........ghandha tigi rigwardata daqs kieku kienet ommissjoni ta' l-istess konvenuta.*"